Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,450, 6 ta' Ġunju, 2025

Taqsima B

A.L. 100 tal-2025

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mal-Kunsill tas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 31.18.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 9(6)(a) tar-regolamenti prinċipali minnufih wara l-kelma "methylphenidate" għandhom jiġu miżjuda l-kliem ", amfetamina jew kwalunkwe waħda mill-isomers tagħha".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 13(1) tar-regolamenti prinċipali l-kliem "amfetamina, jew xi isomer ta' amfetamina," għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-Raba' Skeda tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-Raba' Skeda tar-regolamenti prinċipali l-kliem "amfetamina u l-*isomers* tagħha," għandhom jiġu mħassra.

Jemenda l-Ħames Skeda tar-regolamenti prinċipali.

5. Fil-Ħames Skeda tar-regolamenti prinċipali l-kliem "amfetamina u l-*isomers* tagħha," għandhom jiġu mħassra.